**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 25.4.10: IR-RABA ĦADD TAL-GĦID.**

## JUM IL-VOKAZZJONIJIET

Illum fil-Knisja Kattolika qed jinżamm Jum il-Vokazzjonijiet . Għalhekk, nagħmel appell biex nitolbu lill-Mulej Ġesu', ikompli jsejjaħ ħafna żgħażagħ ħalli jkomplu l-missjoni tiegħu fid-dinja tal-lum.

**JUM IL-KUNGRESS TAX-XIRKA**

Illum huwa wkoll Jum il-Kungress tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Alla.

Kull nisrani huwa fid-dmir li jagħti ġieħ xieraq lill-Isem ta' Alla u tal-qaddisin. U anke li nikkumbattu il-vizzju tant ikrah tad-dagħa.

**Fil-4.30p.m.** Nitilqu mill-pjazza tal-knisja biex nieħdu sehem f'dan il-Kungress li din is-sena se jsir fil-parroċċa ta' l-Għarb.

**IT-TLIETA, 27.04.10: LAQGĦA GĦALL-IRĠIEL**

**Fis-7.30p.m.** Se ssir il-laqgħa ta' Talb għall-Irġiel kollha.

Din tkun fil-knisja. L-irġiel kollha huma mistiedna sabiex jiġu jieħdu sehem magħna.

**Fis-7.15p.m.** Se ssir laqgħa għaż-Żgħażagħ li jaħdmu jew jistudjaw f'Malta. Tkun fil-Kappella tal-Universita'.

**L-ERBGĦA, 28.04.10: JUM IL-PARROĊĊA**

Illum il-Parroċċa tagħna qed tfakkar il-Jum tat-twaqqif tagħha. Ma dan il-Jum hemm marbut ukoll **JUM SANNAT.**

**Fid-8.45a.m.** Quddiesa għat-tfal kollha ta' l-Iskola primarja

**Fis-7.00p.m.** Konċelebrazzjoni b'radd il-ħajr lil Alla.

Wara jkun hemm serata fil-Pjazza organizzata mill-Kunsill.

**IS-SIBT, 1.05.10: FESTA TA' SAN ĠUŻEPP ĦADDIEM, PATRUNA TAL-ĦADDIEMA.**

**Fis-6.30p.m**. Quddiesa bl-omelija dwar San Ġużepp u l-ħajja tax-xogħol u jsir t-tberik tal-ħaddiema.

Dritt wara l-quddiesa toħroġ il-purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġużepp li tgħaddi mit-Toroq Dun Xand Aqulina, Santa Marija, Ċenċ u Pjazza tal-knisja.

Wara l-purċissjoni ssir talba tal-Ħaddiem lil Alla u nieħdu il-Barka Sagramentali.

**IL-ĦADD, 2.05.10: Il-ĦAMES ĦADD TAL-GĦID.**

Il-Ġabra li ssir llum fil-knisja tkun għar-restawr.

**AVVIŻ MILL-ISKOLA**

Dawk il-ġenituri li jixtiequ jiktbu lill-uliedhom li twieldu bejn Jannar 2007 u Marzu 2008 fl-iskola ta' Sannat huma mitluba jmorru din il-ġimgħa fil-ħinijiet ta' l-Iskola. Tieħdu magħkom iċ-ċertifikat tat-twelid tat-tifel/tifla.

**APPLIKAZZJONIJIET GĦAL STUDENTI LI JIMLEW POSTIJIET VOJTA FIL-KLASSIJIET TAL-ISKEJJEL PRIMARJI TAL-KNISJA.**

Fl-iskejjel primarji tal-Knisja f'Għawdex fadal xi postijiet vojta għal numru ta' studenti li jixtiequ jidħlu fl-iskejjel tal-Knisja għas-sena skolastika li jmiss. Il-postijiet vojta huma mill-Year 1 sal-Year 6. Min jixtieq japplika għandu jiġbor il-formula din il-ġimgħa mill-Kurja ta' l-Isqof, fil-għodu. L-applikazzjonijiet jagħlqu fit-30 ta' April.

**ĠABRA GĦALL-ISPEJJES TAŻ-ŻJARA TAL-PAPA.**

Gabra ghall-ispejjeż taż-żjara ral-Papa kienet is-somma ta' € 219. Grazzi u grazzu wkoll lil dawk kollha li ħadu sehem fil-laqgħat mal-Papa speċjalment iż-Żgħażagħ li mill-parroċċa tagħna kienu numru kbir.

**GRAZZI** lill-Familji kollha għall-laqgħa li kelli magħom fit-tberik fl-okkażjoni tal-Għid.